***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum it-Tlieta, 16 ta' Lulju 2019.**

**Rikors Numru: 693/2019/LSO**

**Sohm (Bischof) Brigitte Maria Pass. No. U 0551562**

**vs**

**Aliquantum Gaming Limited C-37009**
**Plus 5 Gaming Limited C-47089**
**Lopoca Gaming Limited C-49934**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Brigitte Maria Sohm nee Bischof datat id-29 ta' Mejju 2019 fejn ikkonfermat bil-gurament :

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taht imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta`, u b'mod partikolari ishma, totali (*stocks*), kapital azzjonarju, *bonds*, obbligazzjonijiet, kambjali, noti promissorji, cekkijiet, cekkijiet bankarji, licenzji u/jew permessi tal-kummerc jew loghob.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgboha tordna l-hrug ta' mandat ta' inbizzjoni in kwistjoni kontra l-intimat.

Rat id-digriet tat-30 ta' Mejju 2019 (fol 10) fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-20 ta' Gunju 2019 fil-11:30am, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' Lopoca Gaming Limited datata 3 ta' Gunju 2019 a fol 12 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Gunju 2019 (fol 23) fejn meta issejhet il-kawza dehru Dr Etienne Calleja ghar-rikorrenti u Dr Ian Vella Galea ghas-socjeta` intimata Lopoca Gaming Limited, rapprezentata fl-Awla minn Dr Robert Zammit. Dr Etienne Calleja talab li jigi awtorizzat jinnotifika lill-intimati permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni, u l-Qorti laqghet it-talba, b' dan li l-pubblikazzjoni ssir f' gazzetta wahda lokali; u l-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju 2019 (fol 24) fejn il-kawza giet differita ghas-16 ta' Lulju 2019 fil-11:30a.m. sabiex jilhaq jghaddi z-zmien ghan-notifika u ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' Aliquantum Gaming Limited (C-37009) u Plus 5 Gaming Limited (C-47089) datata 12 ta' Lulju 2019 a fol 29 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tat-Tlieta 16 ta' Lulju 2019 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Etienne Calleja ghar-rikorrenti. Dehru Dr Robert Zammit ghas-socjeta` intimata Lopoca Gaming Ltd, assistit minn Dr Ian Vella Galea. Dehret Dr Ariana Falzon ghas-socjetajiet intimati Aliquantum Gaming Limited u Plus 5 Gaming Limited.

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri prezenti.

INGHATA DIGRIET:

Il-Qorti,

Rat ir-risposta ta' Lopoca Gaming Limited, u fir-rigward tat-tieni eccezzjoni issib li bl-applikazzjoni tal-Art 831 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li timponi nullita tassattivament li r-rikorrenti naqqset milli tispecifika l-origini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li trid tkun tqieghed fiz-zgur , izda llimitat ruhha biss biex tiddikjara l-ammont li trid tikkawtela.

Ghaldaqstant tilqa' din l-eccezzjoni u kwindi tiddikjara l-mandat null.

Tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet taghha tat-30 ta' Mejju 2019 u tordna l-hrug tal-kontro-mandat opportun.

L-ispejjez jigu ssopportati mir-rikorrenti.

**Degretat**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**16 ta’ Lulju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**16 ta’ Lulju 2019**